MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2004

Numru. 712/2000

PULIZIJA
SPETTUR CARMELO MAGRI
VS
JOSEPH FARRUGIA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Farrugia ta’ 48 sena bin Alfred u Carmela nee Ciantar imwieled B’Kara fit-18 ta’ Lulju 1952 u li joqghod Blk 4, Flat 5, Qasam Bini ta’ Sant’Andria, San Giljan detentur tal-karta tal-identita bin-numru 538452M talli fit-8 ta’ Dicembru 1990 ghal habta tal-5 ta’ filghodu flimkien ma persuna mhux maghrufa kkommetta serq ta’ somma flus li tammonta ghal mija u disghin lira maltin mill-fond numru 7 Flat 1, Triq San Gwann Bosco, Sliema ghad-dannu tal-mejta Antoinette Chetcuti Bonavita u l-eredi taghha liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, mezz, bil-valur, lok u bil-hin.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta’ awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, aresta, zamm jew issekwestra  lil Antoinette Chetcuti Bonavita dak iz-zmien persuna anzjana li ghalqet l-eta ta’ hamsa u sittin sena kontra l-volonta taghha.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna tal-istess Antoinette Chetcuti Bonavita skond kif iccertifika t-Tabib Cecil Paris MD minn Tas-Sliema.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fuq l-aperturi tal-istess fond ghad-dannu ta’ Antoinette Chetcuti Bonavita u l-eredi taghha liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira maltin (Lm500), imma izjed minn hamsin lira maltin.

Talli sar ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema artikoli din il-Qorti tista ssib il-htija fl-imputat.

Rat il-verbal tal-24 ta’ Mejju 2001 fejn l-imputat ma sabx ogezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Rat il-verbal tal-20 ta’ Jannar 2004 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 261, 263, 264, 267, 270,

269, 280, 86, 325, 45 u 50 tal-kap 9 u Art 22 tal-kap 446 tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------